Jobsplus Head Office Ħal Far - BBG 3000
t. 153 e. jobsplus@gov.mt w. jobsplus.gov.mt
jobsplusmalta

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

*KLASSIJIET TA' REVIŻJONI TAS-SEC BLA ĦLAS GĦALL-ISTUDENTI BI PREPARAZZJONI GĦAR-RESITS TA' SETTEMBRU TAS-SEC / O LEVEL*

Għat-tnax-il sena konsekuttiva, reġgħu nfetħu l-applikazzjonijiet għall-Klassijiet ta' Reviżjoni tas-SEC bla ħlas, organizzati permezz tal-proġett Youth Guarantee u kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus. Dawn il-klassijiet huma mmirati lejn studenti li se jkunu qed jagħmlu r-resits fil-Bijoloġija, l-Ingliż, il-Malti, il-Matematika u l-Fiżika f'Settembru li ġej.

Sa mill-bidu tagħhom fl-2014, il-Klassijiet Preventivi tas-SEC għenu aktar minn 6,000 student u taw riżultati pożittivi sena wara sena. Permezz ta' dan l-investiment, l-istudenti qed jingħataw sapport akkademiku u nkoraġġiment biex ikomplu bl-esperjenza edukattiva tagħhom.

Il-klassijiet se jibdew fit-23 ta' Lulju u jibqgħu għaddejjin għal ħames ġimgħat. Studenti ta' bejn il-15 u d-29 sena li ma laħqux il-Livell 3, li ġabu "U", jew li ġew immarkati bħala assenti f'xi wieħed mill-ħames suġġetti msemmija hawn fuq huma eliġibbli biex japplikaw għal dawn il-klassijiet.

L-istudenti jistgħu jattendu dawn il-klassijiet f'wieħed miċ-ċentri; Il-Mosta, Pembroke, Raħal Ġdid, u r-Rabat (Għawdex), u jistgħu jagħżlu li jattendu sa massimu ta' tliet suġġetti, inkluża għażla waħda minn suġġetti tax-xjenza (Bijoloġija jew Fiżika).

L-istudenti jistgħu japplikaw online billi jżuru www.jobsplus.gov.mt/revisionclasses. L-applikazzjonijiet jibqgħu miftuħa sal-Ħamis, 17 ta' Lulju 2025.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Klassijiet ta' Reviżjoni tas-SEC taħt il-proġett Youth Guarantee, wieħed jista' jċempel fuq 79534001 jew 79534002, iżur is-sit elettroniku jew il-paġna ta' Facebook – Youth Guarantee Malta.

*Meta japplikaw għall-Klassijiet ta' Reviżjoni, l-istudenti mhumiex qed japplikaw awtomatikament għar-resits. Għalhekk, għandhom japplikaw għar-resits mal-MATSEC separatament.*

Jobsplus Head Office Ħal Far - BBG 3000
t. 153 e. jobsplus@gov.mt w. jobsplus.gov.mt
jobsplusmalta

PRESS RELEASE

*FREE SEC REVISION CLASSES FOR STUDENTS IN PREPERATION FOR THEIR SEPTEMBER SEC / O-LEVEL RESITS*

For the twelfth consecutive year, applications are once again open for the free SEC Revision Classes. These classes are organised as part of the Youth Guarantee Project and are co-funded by the European Union through the European Social Fund Plus. These are intended for students who will be sitting for resit exams in Biology, English, Maltese, Mathematics, or Physics this September.

Since their launch in 2014, the SEC Preventive Classes have supported over 6,000 students and have consistently delivered positive results year after year. Through this investment, students are provied with accademic support and are encouraged to continue their educational journey.

The classes will commence on 23rd July and will be held over five weeks. Students aged between 15 and 29 who did not attain Level 3, obtained a "U" grade, or were marked as "absent" in any of the five core subjects mentioned above are eligible to apply.

Classes will be held at one of the following centres; Mosta, Pembroke, Paola, or Victoria (Gozo). Students may choose up to three subjects, including one science subject (Biology or Physics).

Applications can be submitted online at www.jobsplus.gov.mt/revisionclasses. Applications will remain open until Thursday, 17th July 2025.

For more information about the Youth Guarantee SEC Revision Classes, one may call 79534001 or 79534002, visit the website, or access the Facebook page – Youth Guarantee Malta.

*Applying for the revision classes does* ***not*** *automatically register students for their MATSEC resit exams. Students must apply separately for the resits through MATSEC.*